

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Legero Schuhfabrik GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 19, 18.1.2021.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2021 – Legero Schuhfabrik vs EUIPO – Rieker Schuh (Żarbuna)

(Kawża T-684/20) ⁽¹⁾

(“Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta żarbuna – Disinni nazzjonali u Komunitarji preċedenti prodotti wara l-preżentata tat-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Artikolu 28(1)(b)(v) tar-Regolament (KE) Nru 2245/2002 – Raġunijiet għal invalidità – Assenza ta’ novità – Assenza ta’ natura individwali – Grad ta’ libertà tad-disinjatur – Assenza ta’ impressjoni globali differenti – Artikoli 5 u 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 – Rikors manifestament infondat fid-dritt”)

(2022/C 109/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Legero Schuhfabrik GmbH (Feldkirchen bei Graz, l-Awstrija) (rappreżentant: M. Gail, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Rieker Schuh AG (Thayngen, l-Isvizzera) (rappreżentant: A. Schabenberger, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Settembru 2020 (Każ R 1649/2019-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Legero Schuhfabrik u Rieker Schuh.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Legero Schuhfabrik GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 19, 18.1.2021.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2021 – Boquoi Handels vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' kristall tas-silġ fuq sfond ċirkulari blu)

(Kawża T-734/20) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi li jirrappreżenta kristall tas-silġ fuq sfond ċirkulari blu – Ċaħda parzjali tal-applikazzjoni – Irtirar tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2022/C 109/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Boquoi Handels OHG (Grünwald, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Lorenz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Graul u E. Markakis, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Settembru 2020 (Każ R 522/2020-2) dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv li jirrappreżenta kristall tas-silġ fuq sfond ċirkulari blu bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Boquoi Handels OHG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 53, 15.2.2021.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2021 – SC Ħa Ħa Ħa Production vs EUIPO – The Smiley Company (SMILEY)

(Kawża T-785/21)

(2022/C 109/33)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: SC Ħa Ħa Ħa Production SRL (Calinesti, ir-Rumanija) (rappreżentant: O. Anghel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: The Smiley Company SPRL (Brussell, il-Belġju)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni SMILEY – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 569 641

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjonijiet ikkontestati: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Settembru 2021 fil-Każ R 2936/2019-5 dwar ir-revoka tad-deċiżjoni tiegħu mogħtija fil-15 ta' Jannar 2021 u d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Ottubru 2021 fil-Każ R 2936/2019-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Settembru 2021 dwar ir-revoka tad-deċiżjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2021;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-21 ta' Ottubru 2021 sabiex tirreġistra t-trade mark Ewropea mitluba, SMILEY Nru 17 569 641, fil-klassi ta' prodotti u servizzi 41;
- tordna lill-konvenut u, jekk xieraq, lill-parti l-oħra għall-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell, iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż sostnuti matul il-proċedimenti tal-appell.